MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2011

Numru 126/2009

Il-Pulizija
(Spettur Trevor Micallef)

vs

Christian Gauci

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 557887(m), akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-27 ta' Dicembru 2008 ghal habta tas-12.00a.m. Fi Triq San Gorg, San Giljan
1. minghajr il-hsieb li joqtol jew jqieghed l-hajja fil-periklu car
2. Ikkaguna feriti ta natura gravi fil- gisem ta Maria Muscat

Il-Qorti hija gentilment mitluba , li minbarra li tinfliggi l piena stabilllita mill ligi, jekk jidriha xieraq, tiprovdi ghas-sigurta ta' Maria Muscat jew sabiex tinzam il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il- piena applikabbli ghar reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' flus li tigi iffisata mill- Qorti.

Rat il- kunsens tal- Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux apposta;

Semghet ix-xhieda:

Semghet lill-imputat fl-udjenza tal-lum, jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara l-Qorti tahtu zmien jikonsidra;

Rat  l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat;

Dan hu kas li fih l-imputat ikkaguna griehi fuq Maria Muscat. Din ta' l-ahhar xehdet u spiegat l-aggressjoni li sofriet mill-imputat u l-konsegwenzi tieghu fuq il-persuna taghha. Ikkonfermat li l-griehi kienu dawk deskritti fir-rapport mediku li jinsab f' folio 7 tal- process. Fir-rigward l-griehi huwa palesi li dawn jaqaw taht l-Artikolu 216 tal-Kap 9.

Tiddecidi  wara li rat l-Artikolu 216 (i) (b) tal-Kap 9 u ikkonstalat anke 'icto occuli' li  l-isfregju huwa wiehed 'de minimis' li tillibera lill-imputat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446  ghal sena.

Il- Qorti spiegat lill-imputat ir- responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------